2026/2158

29.9.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2158

tat-28 ta' Settembru 2026

dwar l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u tal-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi biex jintużaw fin-nutrizzjoni tal-annimali, u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Is-sustanzi żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol u żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry ġew awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien f'konformità mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Dawn is-sustanzi wara ddaħħlu fir-Reġistru tal-Addittivi tal-Għalf bħala prodotti eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 10(1), il-punt (b), tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u tal-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol (dan tal-aħħar qabel kien inkluż fl-entrata taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol) mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, bit-talba li l-addittivi jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti". Mal-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) L-applikant talab li l-addittivi jiġu awtorizzati wkoll biex jintużaw fl-ilma tax-xorb. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ma jippermettix l-awtorizzazzjoni ta' "komposti aromatizzanti" għall-użu fl-ilma tax-xorb. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu ta' dawn l-addittivi fl-ilma tax-xorb ma jiġix permess.

(5) Fl-opinjoni tagħha tal-5 ta' Lulju 2023 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li ż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, iż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u l-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry ma huma tal-ebda tħassib għall-ispeċijiet fil-mira tas-simna u huma meqjusa bħala improbabbli ħafna li jikkawżaw effetti negattivi fi kwalunkwe speċi oħra u f'annimali li jgħixu fit-tul u riproduttivi f'ċerti konċentrazzjonijiet massimi speċifikati aktar għal kull speċi. Barra minn hekk, l-Awtorità kkonkludiet li ma ġie identifikat l-ebda tħassib għall-konsumaturi wara l-użu taż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u tal-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry, fil-kundizzjonijiet proposti, u li l-użu tagħhom, fil-kundizzjonijiet proposti, ma huwiex mistenni li joħloq riskju għall-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet li ż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, iż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u l-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1970/524/oj).
([3]) *EFSA Journal,* 2023:21(7):e08183 https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.8183.

weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry jenħtieġ li jitqiesu bħala irritanti għall-ġilda u għall-għajnejn, u bħala sensitizzaturi dermali u respiratorji. L-Awtorità indikat li l-utenti mhux protetti jistgħu jkunu esposti għall-metilewġenol meta jimmaniġġaw l-addittivi u li għalhekk l-esponiment tal-utenti jenħtieġ li jiġi minimizzat biex jitnaqqas dak ir-riskju. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li billi ż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, iż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u l-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry huma magħrufa li jagħtu t-togħma lill-ikel u l-funzjoni tagħhom fl-għalf tkun essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, mhux neċessarju li jingħataw aktar provi tal-effikaċja tagħhom. L-Awtorità vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf, li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li ż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, iż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u l-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat l-użu ta' dawn is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tqis li l-preżenza tal-metilewġenol, sustanza ta' ħassib li tagħmel parti mill-grupp ta' *p*-allilalkossibenżeni, fiż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, fiż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u fil-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry, teħtieġ li jiġi stabbilit il-kontenut massimu għal dawn l-addittivi tal-għalf fl-għalf komplet. Tqis ukoll li l-użu simultanju taż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u tal-frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry ma' addittivi oħra tal-għalf huwa permess dment li l-kontenut ikkombinat tal-*p*-allilalkossibenżeni (metilewġenol, estragol, elemiċina, safrol, miristiċina, dillapijol, u apijol) fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost jibqa' taħt il-kontenut li jirriżulta mill-użu tal-addittiv tal-għalf awtorizzat bl-ogħla kontenut ta' dawk is-sustanzi fil-kontenut massimu jew fil-kontenut massimu rakkomandat tiegħu għall-ispeċijiet jew il-kategorija tal-annimali rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hi tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa biex ikunu evitati l-effetti avversi fuq saħħet l-utenti tal-addittiv.

(7) Billi r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tas-sustanzi kkonċernati, jixraq li jiġi previst perjodu tranżizzjonali biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom ħalli jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jaqgħu taħt il-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u l-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", huma awtorizzati bħala addittivi tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Miżuri tranżizzjonali

1. L-addittivi tal-għalf żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol, żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol u frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol mis-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry, kif awtorizzati skont id-Direttiva 70/524/KEE u l-premixxeli li fihom dawk l-addittivi, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel id-19 ta' April 2027 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-19 ta' Ottubru 2026 jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom l-addittivi tal-għalf imsemmija fil-paragrafu 1, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel id-19 ta' Ottubru 2027 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-19 ta' Ottubru 2026 jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet ikkonċernati, jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom l-addittivi tal-għalf imsemmija fil-paragrafu 1, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel id-19 ta' Ottubru 2028 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-19 ta' Ottubru 2026 jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet ikkonċernati, jekk ikunu maħsuba għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Isem l-additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: Additttivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti								
2b188-eo	Żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol	*Kompożizzjoni tal-additttiv* Żejt essenzjali miksub mill-blanzuni mnixxfa tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry (sinonimu: *Eugenia caryophyllata* Thunb.) Forma likwida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol: Żejt essenzjali, kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa [1], miksub mill-blanzuni mnixxfa tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry permezz tad-distillazzjoni bil-fwar u l-kondensazzjoni ulterjuri tal-kostitwenti volatili u s-separazzjoni mill-fażi milwiema permezz tad-dekantazzjoni. Numru CAS: 8000-34-8 EINECS: 284-638-7 [2] Numru FEMA: 2323 Numru CoE:188 Speċifikazzjonijiet Ewġenol: 67–85 % β-Karjofillen: 2–16 % Aċetat tal-ewġenil: 5–15 % Estragol: ≤ 0,01 % Metilewġenol: ≤ 0,13 %	Dundjani tas-simna	—	—	43,0	1. L-additttiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tal-premixxeli għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana. 3. L-użu simultanju taż-żejt essenzjali tal-blanzuni tal-imsiemer tal-qronfol ma' additttivi oħra tal-għalf huwa permess dment li l-kontenut ikkombinat tal-*p*-allilalkossibenżeni (metilewġenol, estragol, elemiċina, safrol, miristiċina, dillapijol, u apijol) fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost jibqa' taħt il-kontenut li jirriżulta mill-użu tal-additttiv tal-għalf awtorizzat bl-ogħla kontenut ta' dawk is-sustanzi fil-kontenut massimu jew fil-kontenut massimu rakkomandat tiegħu għall-ispeċijiet jew il-kategorija tal-annimali rilevanti.	Id-19 ta' Ottubru 2036
			Tiġieġ tas-simna u pollam minuri tas-simna	—	—	32,0		
			Il-pollam kollu mrobbi għall-bajd jew għat-tnissil	—	—	28,5		
			Għasafar ornamentali	—	—	28,5		
			Il-pollam kollu għall-bajd jew għat-tnissil	—	—	28,5		
			Ħnieżer tas-simna	—	—	50,0		
			Ħnieżer tas-simna ta' *Suidae* minuri	—	—	50,0		
			Ħnienes (mhux miftuma u miftuma) tas-*Suidae* kollha	—	—	30,5		
			Is-*Suidae* kollha għar-riproduzzjoni	—	—	50,0		
			Għoġġiela tas-simna	6 xhur	—	50,0		
			Nagħaġ u mogħoż	—	—	50,0		

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Isem l-additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
		Metodu analitiku ([3]) Għad-determinazzjoni tal-ewġenol (markatur fitokimiku) fl-additttiv tal-għalf: — Kromatografija b'fażi gassuża abbinata mad-detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (ISO 3142)	Bhejjem tal-ifrat tas-simna; ruminanti oħra tas-simna għajr nagħaġ, mogħoż u għoġġiela tas-simna sa 6 xhur; *Camelidae* tas-simna	—	—	50,0	4. Għall-utenti tal-additttiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzazzjonali biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati b'tali proċeduri u miżuri, l-additttiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali għan-nifs, għall-għajnejn u għall-ġilda.	
			Ir-ruminanti l-oħra kollha; il-*Camelidae* l-oħra kollha	—	—	50,0		
			Ekwidi	—	—	50,0		
			Leporidae	—	—	30,5		
			Salmonidi u ħut bil-pinen minuri	—	—	50,0		
			Klieb	—	—	50,0		
			Qtates	—	—	25,0		
			Ħut ornamentali	—	—	50,0		
			Speċijiet u kategoriji oħra	—	—	25,0		

([1]) Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007).
([2]) Jirreferi biss għaż-żejt essenzjali miksub mill-blanzuni mnixxfa tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry.
([3]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en?prefLang=mt.

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Isem l-additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: Additttivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti								
2b188i-eo	Żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol	*Kompożizzjoni tal-additttiv* Żejt essenzjali miksub mill-weraq tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry Forma likwida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol: Żejt essenzjali, kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa ([1]), miksub mill-weraq tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry permezz tad-distillazzjoni bil-fwar u l-kondensazzjoni ulterjuri tal-kostitwenti volatili u s-separazzjoni mill-faži milwiema permezz tad-dekantazzjoni. Numru CAS: 8000-34-8 EINECS: 284-638-7 ([2]) Numru FEMA: 2325 Numru CoE:188 Speċifikazzjonijiet Ewġenol: 80–95 % β-karjofillen: 4–17 % Aċetat tal-ewġenil: ≤ 1 % Estragol: ≤ 0,01 % Metilewġenol: ≤ 0,03 %	Dundjani tas-simna	—	—	48	1. L-additttiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tal-premixxeli għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana. 3. L-użu simultanju taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol ma' additttivi oħra tal-għalf huwa permess dment li l-kontenut ikkombinat tal-*p*-allilalkossibenżeni (metilewġenol, estragol, elemiċina, safrol, miristiċina, dillapijol, u apijol) fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost jibqa' taħt il-kontenut li jirriżulta mill-użu tal-additttiv tal-għalf awtorizzat bl-ogħla kontenut ta' dawk is-sustanzi fil-kontenut massimu jew fil-kontenut massimu rakkomandat tiegħu għall-ispeċijiet jew il-kategorija tal-annimali rilevanti.	Id-19 ta' Ottubru 2036
			Tiġieġ tas-simna u pollam minuri tas-simna	—	—	36		
			Il-pollam kollu mrobbi għall-bajd jew għat-tnissil	—	—	54		
			Għasafar ornamentali	—	—	54		
			Il-pollam kollu għall-bajd jew għat-tnissil	—	—	54		
			~~H~~nieżer tas-simna	—	—	77		
			~~H~~nieżer tas-simna ta' *Suidae* minuri	—	—	65		
			~~H~~nienes (mhux miftuma u miftuma) tas-*Suidae* kollha	—	—	65		
			Is-*Suidae* kollha għar-riproduzzjoni	—	—	95		
			Għoġġiela tas-simna	6 xhur	—	100		

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem l-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
		Metodu analitiku ([3]) Għad-determinazzjoni tal-ewġenol (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal-għalf: — Kromatografija b'fażi gassuża abbinata mad-detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (ISO 3141)	Nagħaġ u mogħoż	—	—	100	4. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzazzjonali biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali għan-nifs, għall-għajnejn u għall-ġilda.	
			Bhejjem tal-ifrat tas-simna; ruminanti oħra tas-simna għajr nagħaġ, mogħoż u għoġġiela tas-simna sa 6 xhur; *Camelidae* tas-simna	—	—	100		
			Ir-ruminanti l-oħra kollha; il-*Camelidae* l-oħra kollha	—	—	92		
			Ekwidi	—	—	100		
			Leporidae	—	—	57		
			Salmonidi u ħut bil-pinen minuri	—	—	100		
			Klieb	—	—	100		
			Qtates	—	—	28		
			Ħut ornamentali	—	—	100		
			Speċijiet u kategoriji oħra	—	—	28		

([1]) Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007).
([2]) Jirreferi biss għaż-żejt essenzjali miksub mill-weraq tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry.
([3]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en?prefLang=mt.

Numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Isem l-additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
Kategorija: Additttivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti								
2b188ii-eo	Frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol	*Kompożizzjoni tal-additttiv* Żejt essenzjali miksub mill-weraq tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry Forma likwida *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol: Żejt essenzjali, kif definit mill-Kunsill tal-Ewropa ([1]), miksub mill-weraq tas-*Syzygium aromaticum* (L.) Merr. & L.M. Perry permezz tad-distillazzjoni frazzjonali tal-werqa tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol stess. Numru CoE:188 Speċifikazzjonijiet β-karjofillen: 70–90 % Estragol: ≤ 0,01 % Metilewġenol: ≤ 0,06 % *Metodu analitiku* ([2]) Għad-determinazzjoni tal-β-Karjofillen (markatur fitokimiku) fl-additttiv tal-għalf: Kromatografija b'faži gassuża abbinata mad-detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (ISO 11024)	Dundjani tas-simna	—	—	34	1. L-additttiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela. 2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv u tal-premixxeli għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana. 3. L-użu simultanju frazzjoni b'kontenut għoli ta' beta-karjofillen taż-żejt essenzjali tal-weraq tas-siġra tal-imsiemer tal-qronfol ma' additttivi oħra tal-għalf huwa permess dment li l-kontenut ikkombinat tal-*p*-allilalkossibenżeni (metilewġenol, estragol, elemiċina, safrol, miristiċina, dillapijol, u apijol) fil-materjali tal-għalf u fl-għalf kompost jibqa' taħt il-kontenut li jirriżulta mill-użu tal-additttiv tal-għalf awtorizzat bl-ogħla kontenut ta' dawk is-sustanzi fil-kontenut massimu jew fil-kontenut massimu rakkomandat tiegħu għall-ispeċijiet jew il-kategorija tal-annimali rilevanti.	Id-19 ta' Ottubru 2036
			Tiġieġ tas-simna u pollam minuri tas-simna	—	—	26		
			Il-pollam kollu mrobbi għall-bajd jew għat-tnissil	—	—	38		
			Għasafar ornamentali	—	—	38		
			Il-pollam kollu għall-bajd jew għat-tnissil	—	—	38		
			Ħnieżer tas-simna	—	—	54		
			Ħnieżer tas-simna ta' *Suidae* minuri	—	—	46		
			Ħnienes (mhux miftuma u miftuma) tas-*Suidae* kollha	—	—	46		
			Is-*Suidae* kollha għar-riproduzzjoni	—	—	67		
			Għoġġiela tas-simna	6 xhur	—	114		
			Nagħaġ u mogħoż	—	—	101		

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/2158/oj

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem l-addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
			Bhejjem tal-ifrat tas-simna; ruminanti oħra tas-simna għajr nagħaġ, mogħoż u għoġġiela tas-simna sa 6 xhur; *Camelidae* tas-simna	—	—	101	4. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operazzjonali u miżuri organizzazzjonali biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tagħhom. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali għan-nifs, għall-għajnejn u għall-ġilda.	
			Ir-ruminanti l-oħra kollha; il-*Camelidae* l-oħra kollha	—	—	65		
			Ekwidi	—	—	101		
			Leporidae	—	—	40		
			Salmonidi u ħut bil-pinen minuri	—	—	112		
			Klieb	—	—	50		
			Qtates	—	—	20		
			Ħut ornamentali	—	—	50		
			Speċijiet u kategoriji oħra	—	—	20		

([1]) Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007).
([2]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en?prefLang=mt.